**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 324/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Nikolai Sant)**

**-vs-**

**Eyob Melake Ecobagaber, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 113872A.**

**Illum: 07 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Eyob Melake Ekobagaber** u cioe` talli:

Talli nhar it-23 ta'Mejju 2018 ġewwa dawn il-Gżejjer;

1. Mingħajr kunsens ikkommetta konġunġiment karnali fuq il-persuna ta' Omissis, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra;

2. Bla ordni skond il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Omissis kontra l-volontà tagħha, jew taha l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata;

3. Ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Omissis;

4. Talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D datata nhar il-05 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. Talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D. datata nhar il-05 ta' Mejju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Mejju, 2021**,** permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

(a) fl-artikoli 198 (1)(4)(5), 206, 209A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 23(1)(a)(2)(4)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 15A(1)(2), 16, 17, 19, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(g) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(h) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Il-**Current Incident Report**, li ġie kkonfermat minn PS345 Mark Cremona,[2] juri kif nhar it-23 ta' Mejju, 2018, daħħlet telefonata anonima l-għassa ta' San Ġiljan li mara kienet ghada kemm ġiet aggredita minn persuna ta' karnaġġon skur. Fuq il-post fi Triq San Ġorġ, fil-parking tal-Axis, irrikorrew PS750 u WPC291 fejn arrestaw persuna ta' karnaġġon skur. PS345 Cremona u WPC376 sabu ambulanza tassisti lil mara li ttieħdet Mater Dei; din kienet liebsa *bra*, dublett u

[1] Fol.358-359
[2] Fol.28

ma kellhiex żarbun. Gew innotati ġrieħi superfiċjali fuq idha. Waqt li kienet l-isptar din it-tfajla, li rriżulta kienet Omissis, stqarret kif kienet ma ħabibitha *Footloose* u ħarġet barra tpejjep sigarett.[3] X'ħin kienet miexja lejn il-parking avviċinaha raġel Franċiż u beda jkellimha. Kif baqgħu mixjin lejn il-*parking area* avviċinahom l-imputat wara li kien il-Franċiż li sejjaħlu. Hekk kif l-imputat avviċina lil Franċiż, l-istess Franċiż ħatafha u kaxkarha għal bejn il-karozzi. Waqt li l-Franċiż żammha, **Eyob nezzalha l-ġakketta, ressqilha l-qalziet ta' taħt u kien hemm penetrazzjoni. Kien f'dan il-ħin li girfet lil Eyob fuq għonqu kif ukoll tagħtu daqqiet biż-żarbun** u ħarbet minn fuq il-post u baqgħet nieżla ghal parapett ta' St. George's Park Apartments. Minn *footage* ta' Arcadia Axis Complex dehret Omissis dieħla fil-*parking area* u l-imputat dieħel warajha.[4]

Fi **Stqarrija**[5] rilaxxata dakinhar stess, l-imputat iddikjara li kien iġġieled ma Omissis *"and I did not do anything wrong. I think you should ask her she is crazy….I did not do anything wrong to her she just scratched me on my face. Then suddenly she fell to the floor. But I did not kick her"*. Stqarr li kien *homeless* ghal dawk l-aħħar għaxart ijiem. Eyob qal lill-ispettur li ma Omissis kien hemm persuna oħra u li għalkemm forsi lilha kellimha *"She punched me and scratched me for nothing……. When she punched me I punched her back but nothing else."*[6] Kompla li bid-daqqa li taha waddabha mal-art u li hu żammha biex ma tkomplix ittih ***"She scratched me on my face and also my neck".*** Jisħaq li taha daqqa ta' ponn għaliex kienet hi li tagħtu l-ewwel daqqa. Innega li kien jaf lil persuna li kien magħha anzi jgħid *"I was alone"*. Jiċħad li stupraha u taha daqqa għaliex hi attakkatu l-ewwel *"I stopped her not to fight with me. I did not have sex with her"*.[7] **Yonas Mengisteab Makonen** ikkonferma li hu kien l-interpretu mill-Ingliż ghal Turanjan *u vice versa* fit-teħid tal-istqarrija tal-imputat.[8]

**RPC3112 John Debattista** kien preżenti fit-teħid tal-istqarrija tal-imputat u spjega kif l-imputat beda jħawwad fir-risposti tiegħu *"il-ħin kollu beda sejjer 'she's crazy', 'she's crazy'……dejjem jirrepeti l-istess kważi…il-ħin kollu jakkużaha li din miġnuna, miġnuna."*[9]

Ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr. Frances *Dalli,*[10] u sussegwentement ikkonfermat minnha, juri li l-imputat kien sofra *"nefħa fix-xifer ta' ilsienu fuq in-*

[3] Fol.9
[4] Fol.10
[5] Tradotta ghal Malti a fol. 308-309
[6] Fol.11-12
[7] Fol.12
[8] Fol.322
[9] Fol.107
[10] Fol.237

*naħa tax-xellug, ….grif fuq wiċċu u fuq ic-cheek tax-xellug u 3 girfiet oħra fuq in-naħa tax-xellug ta' għonqu."* Il-grif kien kollu superfiċjali.[11]

**PS750 Terry James Mallia** xehed kif għall-ħabta tal-4.30am kien l-għassa ta' San Ġiljan meta daħħlet it-telefonata li ġewwa l-parking tal-Axis kien hemm tfajla li x'aktarx ġiet attakkata. Telaq għall-fuq il-post mill-ewwel u hemm sab raġel li wrieh persuna ta' karnaġġon skur w informah li dan x'aktarx kellu konnessjoni mal-każ.[12] L-istess persuna mexa aktar il-quddiem lejn blokka biswit il-*parking area* w indikalu persuna femminili, li rriżulta kienet Omissis. Malli beda jkellimha hi nġibdet lura minnu iżda kompliet titkellem ma mara oħra. Kien għalhekk li sejjaħ għal WPC291 u meta din wasslet il-pulizija irnexxielha tikkomunika magħha. Hi qaltilhom li ġiet **attakkata minn persuna ta' karnaġġon skura li kien hemm barra fil-*parking area* u li ftit qabel ġie indikat lilu.** Kien għalhekk li l-imputat ittieħed l-għassa. L-inċident gara ħdejn *skips* u hemm instab par żarbun. Ikompli *"Is-Sinjorina kellha **l-ħwejjeġ kollha mqattghin ta' fuq**…kienet liebsa libsa sewda….kellha minn hawn il-fuq qiegħed il-barra bil-bra u bla żarbun"*[13]. Iddeskriva kif meta bdew jipprovaw jitkellmu ma Omissis hi bdiet tinġibed lura malli raġel jersaq lejha *"taħrabilna bdiet"*.

In kontro-eżami spjega li l-imputat baqa' fuq il-post peress li, meta Omissis daħħlet issejjaħ ghall-għajjut fil-blokka flats biswit il-*parking area,* ħarġu persuni minn flat w meta ndikatulhom, dawn huma żammewh fuq il-post bil-presenza tagħhom biss. *"Hu baqa' hemm…..Ġie mwaqqaf milli jitlaq milli stajt nifhem [Ġie arrestat] Eżatt"*. **Fuq il-post ġie indikat mill-vittma bħala l-persuna li kellu x'jaqsam mal-każ**.[14] Sakemm il-pulizija wasslet fuq ix-xena l-imputat *"Kien wieqaf ħdejn l-skips…Le ħadd ma kien qed iżommu fiżikament. Kull ma kien hemm persuna wieqfa"*[15] u ma jafx għaliex baqa' hemmhekk. Itenni li l-imputat baqa' ħdejn l-*skips* mingħajr ma kien hemm ħadd jisfurzah jibqa' hemm, jew li kien qed iżommu.[16] Ikompli li kienet **il-vittma indikat lill-imputat** iżda qabel kien hemm raġel ġewwa l-*parking* li qalilhom li x'aktarx l-imputat kellu x'jaqsam mal-każ.[17] Ħadd mill-blokka ma kien raha l-attakk iseħħ.[18]

Jakkumpanja lis-surġent Mallia kien hemm **PC1269 Louis Tabone**. X'hin wasal fuq il-post sab lill-imputat bilqegħda fuq ċint maġenb żewġ *skips* u baqa' miegħu sakemm ingħatatlu ordni biex jarrestah. Dan kellu grif fuq in-naħa tal-

---

[11] Fol.238
[12] Fol.18
[13] Fol.19-20
[14] Fol.21
[15] Fol.22
[16] Fol.22-23
[17] Fol.23
[18] Fol.24

lemin t'għonqu. Minn ħdejh eleva żarbun tan-nisa ta' kulur iswed bit-takkuna.[19]

**WPC291 Amanda Azzopardi** tixhed li sabet lil PS750 f'wieħed mill-appartament li hemm aktar il-ġewwa mill-*parking* tal-Axis, u l-vittma kienet *"wara pultruna tibki. Lili ma riditx tkellimni"*. Kienet tat *hand over* lil WPC 376.[20]

**PS345 Mark Cremona** jispjega li meta daħal xogħol sar jaf li PS750 kien qiegħed jinvestiga allegat *rape* fil-*parking* tal-Axis. Mar fuq il-post minnufih u sab lill-imputat.[21] Innota li Omissis kienet liebsa *bra* u dublett iswed u kienet ħafja. Ordna li ambulanza teħodha l-isptar għaliex kellha xokk u bdiet tibki ħafna.[22] *"Il-vittma bdiet tallega …li hi dakinhar kienet qegħda Footloose, ħarġet tpejjep sigarett barra u timxi fejn* ***x'hin wasslet ħdejn il-parking tal-Axis kien avviċinaha Franċiż…..Bdew jitkellmu….u ħatafha u kaxkarha sal-parking tal-Axis. Eventwalment mar l-akkużat u kif stqarret hi stess nezzalha l-ġakketta ghollilha d-dublett, ressqilha l-qalziet ta' taħt u rrejpjaha … Hi speċifikat li kien hemm penetrazzjoni…… waqt l-att …permezz ta' żarbun tagħha kienet tagħtu daqqa u kienet ukoll girfitu f'għonqu. Fil-fatt dakinhar meta ġie arrestat … kellu grif f'għonqu….*** *.mill-cameras li rajhom jien personali qabel ma nħatar l-espert tal-Qorti dehret il-vittma dieħla, kienet qed titkellem ma xi ħadd fuq barra tal-parking imbagħad meta daħlet jidher l-akkużat li qiegħed hawnhekk dieħel warajha. Dik il-parti stajt naraha minn fuq il-cameras tas-sigurtà"*[23]. Mill-*footage* kkonstata li l-verżjoni li tagħtu l-vittma kienet kompatibbli ma dak li deher iseħħ fuq il-*footage.* X'hin l-imputat kien l-għassa talab ghall-*tissue* mxarrba bl-ilma biex jikkura l-grif li kellu fuq għonqu. Ma jridx jintesa li l-vittma stqarret **biż-żarbun bdiet tagħti daqqiet lill-aggressur tagħha.[24]**

Semma kif Omissis qalet li kien hemm Franċiż, u mill-filmat filfatt hi tidher titkellem ma persuna fil-parti tal-entratura tal-*parking*. L-allegat stupru seħħ fil-parti ta' wara tal-*parking* li ma jinqabadx mill-cctv. Fl-entrata tal-*parking* tidher titkellem ma persuna iżda ma setgħax jikkonferma jekk kienx il-Franċiż[25]; wara li tidħol fil-*parking* l-imputat jidher dieħel warajha. Dan tikkonfermah il-Qorti stess li eżaminat b'reqqa l-filmat.

**WPC376 Yana Buttigieg** marret mas-surġent fl-Axis *parking area* biex tassisti uffiċjali oħra li kienu diġà qed jinvestigaw il-każ. Akkumpanjat lil Omissis fl-

---

[19] Fol.132
[20] Fol.135
[21] Fol.25
[22] Fol.26
[23] Fol.26-27
[24] Fol.29
[25] Fol.28

ambulanza fi triqtha lejn Mater Dei. Omissis ġiet eżaminata minn *gynaecologist* u mitkellma minn *social worker* Katya Muscat. *"….minn naħa tiegħi sakemm ġiet invistata tkellimt mal-vittma….qaltli li kienet Footloose Club ma sħabha, target sabiex tpejjep sigarett, hi u bdiet miexja l-isfel lejn l-Axis parking* ***ġibidha xi ħadd ta' karnaġġon skur li bdiet tirreżistih. Neħħilha l-ġakketta, ressqilha d-dublett u l-underwear u staqsejtha jekk kienx hemm penetrazzjoni u qaltli li iva. Minn naħa tagħha biex tirreżistih bdiet ittih <u>biex iqum minn fuqha</u> u apparti hekk qaltli li tagħtu daqqa ta' żarbun fuq wiċċu għax kellha z-żarbun f'idejha.*** *Staqsejtha biex ittini d-deskrizzjoni tiegħu. Hi qaltli li* ***kien ta' karnaġġon skur u xagħru qasir. Kellu daqsxejn leħja u mustaċċi u li għamlitlu grif ma wiċċu u m'għonqu****….Li semmietli hi u nieżla lejn l-Axis parking iltaqgħet ma xi <u>Franċiż …meta staqsejtha kienx involut fir-rape hi qaltli li żammha</u> però kien* ***il-persuna tal-karnaġġon skur li rrejphaha****."*.[26] Omissis ikkonfermat mal-kuntistabbli li ***"l-persuna tal-karnaġġon skur li għamilha r-rape"*** filwaqt li l-persuna l-oħra żammha. *"Fil-każ tal-Franċiż li qaltli li niżlu flimkien lejn l-Axis u naħseb li ġ<u>ibduha lejn il-karozzi</u>. Pero` <u>iżjed bdiet tispjegali fuq il-persuna l-oħra milli fuq il-Franċiż</u>"*.[27] Il-vittma qaltilha li **lill-aggressur tagħtu fuq wiċċu biż-żarbun li kien bit-takkuna. Fil-fatt l-imputat kellu d-demm fuq wiċċu li tassumi li gew bid-daqqiet ta' żarbun li tagħtu Omissis**. Omissis qaltilha li l-aggressjoni seħħet xi <u>4.30am</u>.[28]

L-istess verżjoni ingħatat lin-*nurse* li kien fl-ambulanza li ħadet lill-vittma l-isptar, **Charlton Caruana** li anke spjega li t-tfajla kienet imbezza' minnu għaliex kien raġel, iżda kif saret ftit kunfidenti miegħu spjegat x'kien ġralha. *"Qaltilna li ġie ġuvni fuqha, ġibidha ghall-post fejn kienet li jiġi ghal taħt il-baħar….wara Axis kważi mal-baħar bażikament…..Qaltilna li kien hemm ġuvni ta'* ***karnaġġon skur,*** *spjegatilna ċara li bażikament kellu x'jaqsam sesswalment magħha kontra l-volontà tagħha."*.[29]

**Katya Muscat** *social worker* adetta mal-Aġenzija Appoġġ u Victim Support Malta, iltaqgħet mal-vittma waqt li kienet qed tiġi eżaminata Mater Dei. Il-vittma qaltilha li kienet iltaqgħet ma raġel li għalkemm kellimha bl-Ingliż indunat li kien Franċiż u hekk kif bdew jitkellmu ġie persuna ta' karnaġġon skur. F'daqqa waħda kien hemm argument. *"Dawn l-irġiel bdew iżommuha fiżikament. L-ewwel raġel beda jżommha fiżikament mentri* ***t-tieni raġel li spjegat hi, irrejpjaha; ippenetraha fil-parti vaġinali tagħha…*** *kienu fiżikament aggressivi…..mit-testijiet li sarulha minn naħa tal-gynaecologist sabu li kellha …<u>demm fil-vagina tagħha</u>"*.[30]

---

[26] Fol.32
[27] Fol.33
[28] Fol.34
[29] Fol.386C
[30] Fol.205

**Omissis** xehdet li dakinhar li seħħ il-każ fit-23 ta' Mejju, 2018, ħarġet ma ħbiebha f'Paceville u wara li żaru numru ta' *clubs* spiċċaw Footloose. F'ħin minnhom ħarġet mill-Club biex tpejjep sigarett u meta daħħlet lura lill-ħbiebha ma sabithomx għalhekk bdiet tfittixhom fit-triq prinċipali ta' Paceville.[31]Qabdet in-niżla u x'ħin wasslet quddiem Hotel Hugo kellimha raġel bil-Franċiż. Dan kien ta' karnaġġon bajda, xagħru ċar u kien ma raġel ieħor ta' *average/medium height*[32] u "iswed".[33] **Dan tal-aħħar kellu xagħru innuklat b'nokkli żgħar, kien liebes *sports shoes, jeans u t-shirt*.** [34]

Ftakret li kienet seħħet ġlieda. Dak li qed jiġi msejjaħ *"Il-Franċiż",* il-bjond, *"imbuttani b'mod vjolenti mal-art…U niftakar ukoll li huwa vjolentani, **stuprani** fuq il-parti ta' quddiem ta' karozza…[Qorti: Il-bjond?] **Iva l-bjond**"*[35]. Waqt l-stupru iż-żagħżugħ iswed kien għadu hemmhekk u milli tiftakar, għaliex taħseb li ntilfet minn sensiha, *"b'diffrejja iddefendejt ruħi fuq wiċċhom, fuq għonqhom"* biex girfet liż-żewġt irġiel u anke tat bis-sieq. Ċerta li tat bis-sieq lill-bjond *"u lil ieħor ma niftakarx".*[36] **Meta wasslu l-pulizija indikat *"Lil iswed, l-abjad ma kienx hemmhekk".*** Omissis tgħid li din il-verżjoni tagħtiha lill-kuntistabbli mara.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza ghal dak li xehdet il-Kuntistabbli Buttigieg meta tirreferi ghall-fatt li l-vittma tassew semmietilha il-*Franċiż u "meta staqsejtha kienx involut fir-rape hi qaltli li żammha però kien **il-persuna tal-karnaġġon skur li rrejphaha**.".*[37]

Għalhekk filwaqt li hu biss fix-xiehda tagħha li ssemmi kjarament li l-Franċiż vjolentaha w stupraha **–** hi dejjem involviet lil 'Franċiż' fl-aggressjoni mwettqa miż-żewġt irġiel - m'hemmx dubbju bl-involviment tiegħu w il-fatt li l-**vittma mill-ewwel semmietu mal-pulizija**. Iktar importanti minn hekk hu l-fatt kif **mill-ewwel sekondi indikat lill-imputat bħala dak li kien stupraha**, fejn id-dettalji ta' kif seħħ l-istupru w il-mod kif warrbilha ħwejjiġha biex ikun jista' jippentraha, kienu konsistenti ghall-kollox matul dawn il-proċeduri.

Ix-xhud tkompli tispjega l-involviment tal-imputat: ***"Jiena niftakar li l-abjad stuprani fuq il-karozza mentri l-iswed mal-art".*** Qabel l-attakk li sofriet kienet liebsa dublett iswed, par żarbun b'takkuna sewda, *t-shirt* iswed, *top* qasir iswed, ġakketta sewda u kellha *handbag*.[38] Il-ġakketta u *handbag* instabu għand ħbiebha

[31] Fol.61
[32] Fol.62-63
[33] Fol.62
[34] Fol.63
[35] Fol.64
[36] Fol.65
[37] Fol.32
[38] Fol.66

filwaqt li nеżżgħet iż-żarbun biex tiddefendi ruħha *"Jiena tajt daqqa ta' takkuna lil abjad. Ma naħsibx li tajt daqqa ta' takkuna lil iswed għaliex kien qiegħed iżżomni."*[39] Il-Qorti tinnota iżda li hi u miexja l-isfel iż-żarbun kien f'idejha imma dan ma jfissirx li ma kienitx reġgħet libsitu f'xi ħin qabel l-aggressjoni, jew li kienet konfuża f'dan id-dettal insinifikanti ghall-kwadru ta' fatti in deżamina. **Il-vittma identifikat lill-imputat bħala l-persuna li għamlet riferenza għalih fix-xiehda tagħha**.[40]

In kontro-eżami tgħid li marret Paceville xi nofs il-lejl u ħarġet tpejjep meta kienu saru 4.30am jew il-5am. Kienet qed tixrob *whisky* bil-*coke* u ma tiftakarx kemm damet barra imma kemm pejjpet sigarett jew tnejn.[41]Meta marret tfittex lill-sħabha, daret lejn ix-xellug biex tara marrux il-'Nordic Bar' jew il-'Native Bar'. Qatt ma kienet rat iż-żewġt irġiel qabel.[42] Dak li issejjaħlu l-Franċiż kellimha bl-Ingliż imma ħasbet li Franċiż mill-aċċent tiegħu, iżda ma tiftakarx jekk l-imputat semgħatux jitkellem.[43] Ma tiftakarx x'wassal għall-argument *"niftakar biss fil-mument fejn kont qed niġi mbuttata"*.[44] Lejn tmiem il-kontro-eżami tagħha **kkonfermat li kienet ġiet stuprata miż-żewġt irġiel.[45]**

**WPC369 Stephanie Cassar**, *scene of crime officer*, esibit ir-rapport tagħha[46] li jikkontjeni ritratti li ttieħdu waqt li l-vittma kienet l-*Obstetrics Department* f'Mater Dei. Wara li gew fotografati l-kampjuni elevati hi rrikorriet l-għassa ta' San Ġiljan biex jinġabru l-ħwejjeġ tas-suspettat li sussegwentement gew fotografati ġewwa l-Laboratorju tax-Xjenza Forensika.[47] Il-ħwejjeġ tas-suspettat gew elevati minn **PC406 Sean Micallef**[48] li jixhed kif ġabar kampjuni meħuda mill-Ġinekologista Dr. Olivia Anne Cassar w eleva ħwejjeġ tal-aggressur.[49] Il-kampjuni w il-ħwejjeġ gew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar ghall-ħabta tas-2pm.[50]

---

[39] Fol.67
[40] Fol.68-69
[41] Fol.69-71
[42] Fol.72
[43] Fol.73
[44] Fol.74
[45] Fol.75
[46] **Dok.SC1** a fol.153 et seq.
[47] Riprodotta a fol.207 tikkoreġi l-*id card number* tal-persuna suspettata u jgħid li dan kien 113872A mhux jispiċċa bl-'M'. Riprodotta mill-ġdid a fol. 302-303 u 307, tikkoreġi wkoll in-numru fuq paġni 139, 174-176 tar-rapport tagħha.
[48] Fol.138-139
[49] Rapport **Dok.SM1** a fol.143 et seq. Riprodott a fol..225 jikkoreġi l-*id card number* tal-persuna suspettata u jgħid li dan kien 113872A mhux jispiċċa bl-'M'.
[50] Fol.140-141

Mir-rapport tal-PC Micallef jirrizulta li l-ħwejjeġ tal-imputat kienu jikkonsistu f'*hoodie* ta' lewn iswed.[51] Mir-rapport **Dok.SC1** jidhru ritratti tal-imputat fejn dan għandu xagħru qasir magħmul minn nokkli żgħar, b'mustaċċi u naqra leħja.[52] **Eżatt kif Omissis iddeskriviet l-aggressur ta' karnaġġon skur!**

Eżami ta' DNA

Fir-rapport tagħha **Dr. Marisa Cassar** sabet *acid phosphatase* f'diversi kampjuni. Il-kampjuni *vulval swab* u *low vaginal swab* taw riżultat *"weakly positive"* filwaqt li l-kampjuni *high vaginal swab* u *vaginal wash* kienu pożittivi ghal *acid phosphatase*.[53] Fuq il-qalziet ta' taħt tal-vittma kien hemm presenza ta' demm.[54]

It-T-*shirt, shorts* u l-qalziet ta' taħt (fuq in-naħa ta' ġewwa[55]) li kien **liebes l-imputat kienu wkoll pożittivi ghal *acid phosphatase.***[56]

Tixhed li mill-analiżi magħmulha fuq diversi kampjuni, mill-ħwejjeġ tal-mara ħareġ profil ġenetiku ta' mara filwaqt li ħareġ profil ġenetiku ta' raġel mill-ħwejjeġ ta' raġel. Il-flokk tar-raġel, *shorts* minn barra w qalziet ta' taħt minn naħa ta' ġewwa, kienu pożittiv ghal *acid phosphatase.*[57]Wara li ġie estiż l-inkarigu tagħha, biex tagħmel eżami komparattiv mar-riżultanzi fuq kampjuni meħuda fuq ħwejjeġ tal-imputat ma *bucal swabs* tiegħu, ***"L-esebiti kienu ħwejjeġ tiegħu li kienu ħareġ minnhom profil ġenetiku jaqblu ma tiegħu".***

B'hekk ġie determinat li l-kampjuni ta' *acid phosphatase* li nstab fuq ħwejġu kien **jaqbel mal-profil ġenetiku tiegħu**.[58]

In-Natura tal-Grieħi w il-Prova ta' Penetrazzjoni Sfurzata.

Minn eżami mediku li sar lill-vittma, irriżulta li sofriet selħa fin-naħa t'isfel ta' dahra, tbenġila fuq ġenbha tax-xellug grif u tbenġil fuq irkoppitha. Fuq il-partijiet intimi kien hemm id-dmija li ġie mill-stupru. Provi li l-**att sesswali ma kienx konsenswali** kif ukoll prova inkonfutabbli tal-aggressjoni subita.

[51] Fol.147. *Hoodie* f'ritratti a fol.181-182
[52] Fol.176A-177
[53] Fol.190
[54] Fol.192
[55] Fol.222
[56] Fol.193-194
[57] Fol.221-222
[58] Fol.378

**Dr. Olivia Anne Cassar** ikkonfermat[59] ir-rapport tagħha intestat *Sexual Violence Examination Record*[60] u ddeskriviet kif il-vittma kienet *distressed* u baqgħet tibki tul l-ezaminazzjoni sħiħa. L-eżami fuq barra żvela **ħafna brix u grif**, l-iktar fuq in-naħa xellugija ta' ġisimha kif tixhed it-tpinġija li hemm fir-rapport tagħha.[61] Grif kien hemm fuq l-irkoppa tax-xellug, u kif dawritha għal fuq dahra kien hemm grif fuq idejha mill-minkeb l-isfel u fuq dahra liema grif kien frisk. Fuq in-naħa tax-xellug ta' wara ta' dahra kellha **selħa akbar ta xi 2cm**. L-eżami ġinekologu wera li *"**kellha qasma żgħir fuq il-parti ta' wara tal-parti tagħha. Minn ġewwa kellha ftit demm... kellha ftit demm fuq ġewwa**. Hi ma kienitx bil-period dakinhar…. Ma rajtx qsim jew ġrieħi fuq ġewwa però kien hemm dan il-ftit demm…kellha ftit demm fil-pipi".*[62] It-tfajla qaltilha li ġiet aggredita minn żewġt irġiel u kien hemm *vaginal intercourse* li kien sfurzata. ***"Il-grif li kellha fuq ġisimha ma kienx għalija xi haġa ta' intercourse konsenswali le... meta xi ħadd ikollu x'jaqsam ma jkunx hemm demm….id-demm mhux xi haġa komuni le li nsibu."***[63]

Ir-rapport msemmi jindika haġa li kien hemm penetrazzjoni orali u vaġinali. Meta seħħet l-aggressjoni Omissis kienet liebsa dublett u *top*. Kellha *soreness* madwar l-irkoppa tax-xellug u fuq *"outer thigh"*[64]. Ir-rapport jagħti stampa tal-istat li kienet fih it-tfajla: *"Patient very distressed, crying, throughout all examinations"*.[65] **Mat-tul ta' dahra kellha grif ħfief, grif tul id-driegħ tax-xellug u fuq il-minkeb taż-żewġt naħat.**[66] **Fuq il-*vaginal wall* jingħad *"Bleeding noted"*.**[67]

**Keith Cutajar** ppreżenta r-rapport[68] tiegħu li jinkludi analiżi ta' *footage* tal-*parking area* fejn seħħet l-aggressjoni kif ukoll *stills* mniżżla minn dak il-*footage.* Isemmi kif il-ħin tal-*footage* hu *real time* għax kien sinkronizzat mal-ħin tal-internet.[69] Il-filmati li ġabar huma tal-istabbiliment Arcadia Supermarket fejn fuq *camera* li tagħti għat-triq u li turi l-entrata tal-*parking area* in kwistjoni, tidher tfajla liebsa ilbies qasir biż-żarbun f'idejha titkellem maż żewġt irġiel . Dak li kien **liebes iswed b'*hoodie* jidher li hu ta' karnaġġon skur** għalkemm il-filmati mhux dashekk ċari. Il-filmat ma jurix l-inċident iseħħ; jidhru biss persuni

---

[59] Fol.216
[60] **Dok.NS2** a fol.113 et seq. Tradott ghal Malti a fol. 333-344
[61] Fol.118-121
[62] Fol.217-218
[63] Fol.219
[64] Fol.114-115
[65] Fol.117
[66] Fol.119
[67] Fol.121
[68] **Dok.KC1** a fol.85 et seq.
[69] Fol.89

għaddejjin mit-triq.[70] **Kerstin Schembri** ikkonferma li kien hu li għadda l-*footage* li saret riferenza għalih lill-pulizija.[71]

Filmat Ch16 …..23034149

**03:47:21-03:47:29:** tidher Omissis (liebsa ħwejjeġ li jidhru fir-ritratti tas-*soco* u fir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar,[72] xagħra ukoll hu fl-stil li fih ġiet fotografata Mater Dei) titkellem ma xi ħadd li kien għadu ftit passi l-bogħod mill-kantuniera ta' fejn hemm l-*skips.*

03:47:30: Tibqa nieżla l-isfel mill-viżwali tal-camera waħedha.

03:47:41-03:48:02 raġel, liebes flokk *round neck* bi kmiem twal, jidher wieqaf iħares u jitkellem ma xi ħadd lejn id-direzzjoni li marret lejha Omissis persuna liebsa ilbies skur u żarbun ċar. Xagħru qasira, ta' karnaġġon skur kemm xejn twil. L-istatura tiegħu m'hiex dik tal-imputat. Ma jidhirx nieżel warajha. 03:48:22-03: 48:37 tidher persuna oħra tiela' u nieżla ftit qabel il-kantuniera. L-istatura tidher li hi tal-persuna li ntlemħet l-ewwel. Idur lura w joħroġ mill-viżwali.

**03:51:47-03:51:57** tidher nieżla persuna maskili b-ilbies aktar skur, iqsar mill-ewwel persuna li dehret fil-*footage* u liebsa *hoodie* u żarbun *runners* kulur ċar. Il-wiċċ ma jidhirx ċar.

03:59:50 - 04:00:41 tidher persuna karnaġġon bajdanija oħra qalziet u *t-shirt* abjad u żarbun skur nieżla fl-istess direzzjoni ta' Omissis, terġa titla w tidher tilgħab ma qattus u terġa ddur l-isfel. 04:01:35-04: 01:42 jerga jitla l-fuq waqt li qed iħares l-isfel lejn id-direzzjoni li ħadet it-tfajla u dak tal-*hoodie*. 04:04:02: jgħaddi raġel ieħor li jibqa' tiela l-fuq 04:15:48 jgħaddu żewġt ġuvintur jizfnu. 04:23:29 jidhru żewġ nisa mixjin quddiem il-camera li jaqbdu l-istess direzzjoni ta' Omissis imma minn passaġġ parallel ma dak li għaddew minnu s'issa il-persuni li dehru. 04:24:22 jerġgħu iduru lura jifirħu w iċċapċpu mil-istess direzzjoni u passaġġ li ħadet Omissis. 04:27:48 jidhru żewġ ġuvintur oħra mixjin fid-direzzjoni li kienet ħadet Omissis fejn wieħed jieqaf jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Dan jirritorna mid-direzzjoni li ġie minnha għalkemm jibqa' fil-kantuniera jħares lura (04:28:50) sakemm 04:29:15 jaslu l-pulizija u jitlaq minn fuq il-post. 04:35:41 tasal vettura oħra tal-pulizija.

Għalhekk kull ma jixhed dan il-filmat hu li f' 03:47:21-03:47:29 Omissis dehret nieżla l-isfel, bl-unika persuna liebsa *hoodie* u *runners* ċar - simili ghal dawk elevati minn fuq l-imputat - jidher miexi fl-istess direzzjoni li hadet Omissis żewġt minuti w nofs wara fil-03:51:47-03:51:57.

[70] Fol.82-83
[71] Fol.281-282
[72] Fol.171A-172 u iktar ċar a fol.190 relazzjoni Dr. Marisa Cassar

Ikkunsidrat,

**Provi Saljenti**

1. Ma tagħmel l-ebda sens il-verżjoni tal-imputat fl-istqarrija tiegħu li Omissis qabdet targumenta miegħu w issawtu ħabta w sabta, għal xejn b'xejn. Għalkemm jgħid li hi waqgħet mal-art għaliex taha daqqa ta' ponn,[73] minn imkien ma jirrizulta li din sofriet xi daqqa ta' ponn kif anke jidher wiċċha fir-ritratti meħuda mis-*scene of crime officers*. L-eżami mediku w lanqas ix-xhieda tal-vittma ma jindikaw li l-imputat taha xi daqqa ta' ponn.

2. Biex Omissis rnexxielha tigirfu fuq wiċċu w għonqu bilfors kien f'distanza ravviċinatissima tagħha, u għalhekk jagħmel sens dak li l-vittma lissnet mal-kuntistabbli Buttigieg u cioe li "M*inn naħa tagħha biex tirreżistih bdiet ittih* ***biex iqum minn fuqha*** *u apparti hekk qaltli li tagħtu daqqa ta' żarbun fuq wiċċu għaliex kellha z-żarbun f'idejha.".*[74]

3. Dr. Frances Dalli fil-fatt tikkorobora din il-verżjoni meta tiddeskrivi l-ġrieħi li ġarrab l-imputat: *"nefħa fix-xifer ta' ilsienu fuq in-naħa tax-xellug, ….grif fuq wiċċu u fuq ic-cheek tax-xellug u 3 girfiet oħra fuq in-naħa tax-xellug ta' għonqu." Il-grif kien kollu superfiċjali.*[75]

4. PS750 Terry James Mallia, kien l-ewwel li wasal fuq il-post u l-vittma li kellha l-ħwejjeġ ta' fuq mqattghin, indikat lill-imputat bħala l-aggressur tagħha.

5. PC1269 Louis Tabone jixhed li maġenb fejn kien bilqegħda l-imputat eleva żarbun tan-nisa ta' kulur iswed bit-takkuna.

6. *A tempo vergine,* mas-surġent 375 Mark Cremona, il-vittma ddeskriviet kif kien **Eyob li nezzalha l-ġakketta, ressqilha l-qalziet ta' taħt u kien hemm penetrazzjoni. Kien f'dan il-ħin li girfet lil Eyob fuq għonqu kif ukoll tagħtu daqqiet biż-żarbun** u ħarbet minn fuq il-post.[76] ***"Hi speċifikat li kien hemm penetrazzjoni…… waqt l-att …permezz ta' żarbun tagħha kienet tagħtu daqqa u kienet ukoll girfitu f'għonqu. Fil-fatt dakinhar meta ġie arrestat …kellu grif f'għonqu…*** *.mill-cameras li rajhom jien personali qabel ma nħatar l-espert tal-Qorti dehret il-vittma dieħla, kienet qed titkellem ma xi ħadd fuq barra tal-parking imbagħad meta daħlet*

[73] Fol.11-12
[74] Fol.32
[75] Fol.238
[76] Fol.10

*jidher l-akkużat li qiegħed hawnhekk dieħel warajha. Dik il-parti stajt naraha minn fuq il-cameras tas-sigurtà"*[77].

7. Imbagħad ftit minuti wara ma WPC376 Yana Buttigieg li akkumpanjatha l-isptar kif *"ġibidha xi ħadd ta' karnaġġon skur li bdiet tirreżistih.* ***Neħħilha l-ġakketta, resqilha d-dublett u l-underwear u saqsejtha jekk kienx hemm penetrazzjoni u qaltli li iva. Minn naħa tagħha biex tirreżistih bdiet ittih <u>biex iqum minn fuqha</u> u apparti hekk qaltli li tagħtu daqqa ta' żarbun fuq wiċċu għax kellha z-żarbun f'idejha***. "

8. Għalkemm dak li ntqal mill-vittma ma jagħmilx prova in kwantu ghall-veraċità ta' dak li seħħ fattwalment, jibqa' l-fatt li *a tempo vergine* il-vittma tagħti verżjonijiet u deskrizzjonijiet **konsistenti lit-tobba, lis-*social worker* kif ukoll lill-uffiċjali tal-pulizija** fejn dejjem sostniet li l-persuna li nstabet fuq il-post mal-wasla tal-pulizija, **l-imputat, kien stupraha.** <u>Dejjem spjegat kif sawtet lill-aggressur tagħha b'daqqiet taż-żarbun u girfet lil min kien qed jistupraha.</u>

9. L-istess verżjoni ingħatat lin-nurse **Charlton Caruana** *"Qaltilna li kien hemm ġuvni ta'* ***karnaġġon skur,*** *spjegatilna ċara li bażikament kellu x'jaqsam sesswalment magħha kontra l-volontà tagħha."*.[78]

10. Id-deskrizzjoni li tagħti lill-kuntistabbli Buttigieg hi t'importanza għaliex ir-ritratti tal-imputat meħuda mis-*scene of crime officers* dakinhar stess, <u>jikkonfermaw dik l-istess deskrizzjoni</u> (vide ritratti a fol.174 -177) sal-anqas dettal:

    Il-kuntistabbli Buttigieg semmiet *"Hi qaltli li kien ta'* ***karnaġġon skur u xagħru qasir. Kellu daqsxejn leħja u mustaċċi*** *u li għamlitlu grif ma wiċċu u m'għonqu….Li semmietli hi u nieżla lejn l-Axis parking iltaqgħet ma xi Franċiż …meta staqsejtha kienx involut fir-rape hi qaltli li żammha però`* ***kien il-persuna tal-karnaġġon skur li rrejphaha****"*,[79] u *"Fil-każ tal-Franċiż li qaltli li niżlu flimkien lejn l-Axis u naħseb li <u>ġibduha lejn il-karozzi</u>. Pero` <u>iżjed bdiet tispjegali fuq il-persuna l-oħra milli fuq il-Franċiż</u>"*.[80]

    **Il-vittma qaltilha li lill-aggressur tagħtu fuq wiċċu biż-żarbun li kien bit-takkuna.** Fil-fatt l-imputat kellu d-demm fuq wiċċu li tassumi li gew bid-daqqiet ta' żarbun li tagħtu Omissis (vide ritratt a fol.177 fejn tidher

[77] Fol.26-27
[78] Fol.386C
[79] Fol.32
[80] Fol.33

id-**"daqsxejn leħja u mustaċċi"** li ssemmi kif ukoll ix-xagħar qasir b'nokkli żgħar kif tixhed *viva voce*).

11. Omissis tiddeskrivi lill-aggressuri tagħha bħala wieħed li kellimha bil-Franċiż ta' karnaġġon bajda b'xagħru ċara u l-ieħor ta' *average, medium height*[81] u "iswed"[82] li **kellu xagħru innoklat b'nokkli żgħar, kien liebes *sports shoes, jeans* u *t-shirt*.** [83]

    Dan jaqbel perfettament mal-ħwejjeġ elevati minn fuq l-imputat, fosthom it-*t-shirt* li fuqu nstab is-semen (vide ritratti a fol.177-184).

12. Hi biss fix-xhieda ta' Omissis *viva voce* li din issemmi wkoll li l-Franċiż tefaha mal-art, vjolentaha w stupraha fuq il-*bonnet* ta' karozza iżda **l-imputat stupraha mal-art**.

    Tisħaq li qalet b'dan lill-kuntistabbli mara. Għalkemm hu minnu li l-vittma tkellmet f'dettal mal-kuntistabbli Yana Buttigieg, l-kuntistabbli ma ssemmix dan id-dettal (li l-Franċiż stupraha wkoll) iżda ssemmi li hi qaltilha li kien qed iżommha ***"hi qaltli li żammha però kien il-persuna tal-karnaġġon skur li rrejphaha.".***[84]

    Madanakollu din il-Qorti mhix tiddubita mill-verżjoni tal-vittma li saħansitra tagħti dettal dwar fejn ġiet stuprata mill-'Franċiż', fuq il-*bonnett* ta' vettura. X'żammha milli tgħid li ż-żewġt irġiel stuprawha mal-art? Xejn! Għaldaqstant m'hemmx dubbju li dan id-dettal ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tal-imputat li **sa mill-bidu nett Omissis indikatu bħala dak li stupraha.**

    Il-Qorti temmen li f'xi ħin l-vittma spiċċat f'kuntatt b'ġisimha ma xi haġa ċatta w lixxa (mhux l-art li toħloq grif u abrażjonijiet kif kellha fuq dahra) għaliex sofriet ukoll **selħa (*pressure sore*)** ta' xejn anqas minn **2cm fuq il-parti t'isfel ta' dahra** (vide ritratt a fol. 163-164). Selħa (*pressure sore*) simili hi kompattibli ma kuntatt/i b'forza ma wiċċ/*surface* ċatt bħal ma hu *bonnett* ta' vettura.

    Il-ġrieħi w l-grif ma' ġisimha kollu senjatament fuq il-parti ta' wara ta' ġisimha, huma lkoll kompatibbli ma ġrieħi li persuna isofri meta tkun tkaxkret jew mrassa mal-art, *a rough surface*. Il-vittma qalet lil WPC

---

[81] Fol.62-63
[82] Fol.62
[83] Fol.63
[84] Fol.32

Buttigieg li hi bdiet tagħti daqqiet ta' żarbun u tuża diffrejha fuq l-aggressur ta karnaġġon skur *"biex iqum minn fuqha"*.[85]

Fix-xhieda tagħha *viva voce,* xahar wara l-aggressjoni, tagħti verżjoni differenti minn dak li qalet *a tempo vergine* u dan juri kemm ix-xhud ma tippruvax iżżejjen u tqabbel ix-xhieda tagħha ma dak li qalet preċedentement waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Jiġi mfakkar ukoll li xi dettalji jistgħu ivarjaw, wara kollox ġie pruvat l-istat trawmatiku w taħt xokk li kienet fih il-vittma.

Omissis issa tixhed li *"Jiena tajt daqqa ta' takkuna lil abjad. Ma naħsibx li tajt daqqa ta' takkuna lil iswed għaliex kien qiegħed iżomni."*[86] Il-provi wrew mod ieħor u li d-daqqa taż-żarbun tatha lill-imputat għalkemm mhux eskluż li l-Franċiż seta' sofra daqqiet simili ġaladarba baqa' ma ġiex identifikat! Fil-fatt meta tixhed issemmi li *"b'diffrejja iddefendejt ruħi fuq wiċċhom, fuq għonqhom"*, fil-plural, u żiedet li tat bis-sieq lill-bjond *"u lil ieħor ma niftakarx"*.[87] Lejn tmiem il-kontro-eżami tagħha Omissis tikkonferma li **ġiet stuprata miż-żewġt irġiel.**[88]

L-abbli difiża ressqet l-argument li ġaladarba l-imputat baqa' fuq il-post, ċertament dan ma kienx hu li wettaq l-aggressjoni. Il-Qorti ma tistax tippotiżża għaliex l-imputat baqa' fuq il-post bi ħwejġu mimlija *semen,* iżda mill-provi rriżulta li l-pulizija rċeviet it-telefonata li persuna kienet qed tiġi aggredita – mhux ġiet aggredita, u għalhekk l-aggressjoni kienet ghada għaddejja x'ħin sar ir-rapport – u dlonk marret fuq il-post. Għalhekk ma kienx ghada tant żmien minn meta seħħet l-aggressjoni w il-wassla tal-Pulizija. Iktar minn hekk irriżulta li xi ħadd mhux magħruf żamm lill-imputat sakemm wasslu l-pulizija, għalkemm x'ħin wasslu dan instab waħdu fuq ċint meta wasslet l-Pulizija.

Hi sfortuna li l-persuna li indikat lill-imputat lis-Surġent Mallia bħala l-persuna li kellu konnessjoni mal-każ, u dawk il-persuni li żammew lill-imputat milli jħalli l-post (jekk kienu persuni differenti) ma tressqux biex jixhdu. Biex ħadu dak il-pass u żammewh milli jħalli l-post, bilfors kellhom xi ħjiel li seħħet xi haġa serja. Charlton Caruana jixhed li t-tfajla kienet f'residenza ta' mara li kellha żewġt iklieb[89] u għaldaqstant faċilment setgħet tiġi rintraċċjata din il-persuna jew minn tal-inqas tittieħed il-verżjoni tagħha. L-istess kritika hi dwar il-mankanza fit-teħid ta' ritratti tal-post fejn seħħ l-inċident. Nuqqasijiet simili

[85] Fol.32
[86] Fol.67
[87] Fol.65
[88] Fol.75
[89] Fol.386E

jistgħu addirittura jimminaw proċess ġudizzjarju billi jħalli f'dubbju dak li dwaru ma jeżisti ebda ekwivoku.

Lanqas ma jirrizulta li l-Avukat Ġenerali talab biex jiġu indirizzati dawn il-*lacunae*. Għalhekk jeżisti il-proċess ta' rinviju biex wara skrutinju tal-atti, tiġi ndirizzata kwalunkwe mankanza biex fl-aħħar mill-aħħar l-imputazzjoni miġjuba tiġi ppruvata bl-aħjar provi (*best evidence*) lill' hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Evidentement dan ma sarx!

Ikkunsidrat,

L-Ewwel Imputazzjoni: L-Istupru

Madanakollu mill-assjem tal-provi miġbura, il-Qorti xorta waħda ma tħaddan ebda dubbju li nġabu provi suffiċjenti li permezz tagħhom l-ewwel tlett imputazzjonijiet ġew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

L-artikolu 198(1) tal-Kodiċi Kriminali kif emendat[90] jipprovdi:

> 198. (1) Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena:
>
> Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.

Imbagħad l-artikolu 206 jgħid dan:

> 206. Id-delitti msemmijin f'dan it-Titolu li sabiex isiru jeħtieġ li jkun hemm konġunġiment karnali, għandhom jitqiesu ikkunsmati bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' atti oħra

Jirrizulta mir-rapport mediku ta' Dr. Olivia Cassar li l-vittma ***"kellha qasma żgħir fuq il-parti ta' wara tal-parti tagħha. Minn ġewwa kellha ftit demm…kellha ftit demm fuq ġewwa. …… Il-grif li kellha fuq ġisimha ma kienx għalija xi haġa ta' intercourse konsenswali le…meta xi ħadd ikollu x'jaqsam ma jkunx hemm demm….id-demm mhux xi haġa komuni le li nsibu."*** Mill-banda l-oħra fuq il-qalziet ta' taħt tal-vittma kien hemm presenza ta' demm. B'hekk m'hemmx dubbji li l-ġrieħi li sofriet il-vittma huma **kompatibbli ma relazzjonijiet sesswali mhux konsenswali u aggressjoni.**

---

[90] Bl-**Att XIII tal-2018** li daħal fis-seħħ nhar l-14 ta' Mejju, 2018 bl-Avviż Legali 154 tal-2018

Jirrizulta li fil-verżjonijiet kollha li ngħataw mill-vittma din baqgħet **konsistenti** in kwantu li l-imputat kien stupraha billi kien hemm *vaginal intercourse*, **penetrazzjoni mhux konsenswali,** tant li rnexxielha taħrab mill-ħakma tiegħu biss wara li xejritlu daqqiet biż-żarbun tagħha fuq wiċċu w girfitlu wiċċu w għonqu. Ġrieħi li lkoll instabu fuq l-imputat.

Magħdud ma dan hemm prova oħra ta' importanza kbira li tkompli ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni; l-imputat instab bil-ħwejjeġ li ddeskriviet il-vittma li kien liebes, liema ħwejjeġ rriżultaw kollha pożittivi ghal *acid phosphatase*.

Il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni loġika w plawsibbli għaliex **waqt u/jew wara li l-imputat qala' xeba żarbun fuq wiċċu, dan spiċċa jeġakula fuq ħwejjġu, ħlief jekk titwemmen il-verżjoni trawmatika li sofriet il-vittma.**

Dik il-verżjoni, li l-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubitaha, hi li kien hemm penetrazzjoni sfurzata kommessa fuq il-vittma, waqt li l-imputat tela' fuqha wara li xeħitha mal-art. Tul l-att mhux volut il-vittma baqgħet tirreżisti l-imputat u tirrespinġieh bil-forza kollha li baqa' fiha billi sawwtitu bit-takkuna fuq wiċċu w girfitu fuq għonqu.

It-Tieni Imputazzjoni: Artiklu 86 tal-Kodiċi Kriminali

Dan ir-reat ġie kkunsidrat bħala mezz ai fini għar-reat ta' stupru fejn isib applikazzjoni l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. Fis-sentenza tagħha, l-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet is-segwenti fil-proċediment **The Police vs Ahmed Rasem. A Franka,** fejn l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-każ in deżamina:

> As already stated it is undoubted that injured party was held against her will by appellant so that she had no means of escape although it is evident that she tried to resist her 'confinement'. Professor Mamo has this to say on this offence in his notes on Criminal Law:
>
> ***"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."***
>
> The offence in this case however will subsist only as a means to the commission of the crime of rape and in fact the First Court considered the finding of guilt in this regard applying the provisions of article 17(h) of the Criminal Code when meting out punishment against accused.[91]

[91] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima. Appell Nru. 72 / 2017. Deċiża 26 t'Ottubru, 2017

It-Tielet Imputazzjoni: Offiżi ta' natura Ħafifa

M'hemmx dubbju li din l-imputazzjoni tirriżulta soddisfaċentament ippruvata. Għalhekk irriżultaw iċ-ċirkostanzi ravvizati fil-paragrafu (f) tal-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali li jaggravaw ir-reat ta' stupru.

Dan ifisser li din iċ-ċirkostanza tikkostitwixxi element tal-istess stupru u b'konsegwenza jeżisti l-konkors formali jew ideali ta' bejn ir-reat tal-istupru kif aggravat u dak ta' offiżi ħfief, fejn tapplika l-piena l-aktar severa u cioe` dik ravviżata bl-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali li żżid il-piena għar-reat ta' stupru minn grad sa żewġ gradi.

Reċidiva: Ir-raba Imputazzjoni

**L-Ispettur Nikolai Sant** ppreżenta sentenza[92] mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke nhar il-5 ta' Mejju, 2018,[93] fejn l-imputat ġie kkundannat ghal multa ta' €500 kif ukoll ġie liberat b'kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar minn dakinhar. Ġiet esibita fedina penali aġġornata li tirrifletti din is-sentenza.[94]
Jirrizulta li l-multa mposta baqgħet ma tħallsitx[95] u għalhekk fuq skorta ta' ġurisprudenza, l-imputat qatt ma jista' jitqies bħala li hu reċidiv taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali propju għaliex dik is-sentenza ma jistax jingħad li ġeit skontata.

Hu għalhekk importanti li l-amministrazzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja tassigura li sentenzi tal-Qrati jiġu esegwiti minnufih hekk kif isiru *res judicata*; fin-nuqqas tkun qed issir inġustizzja mas-soċjetà fejn bniedem li ghal snin kellu jiġi meqjus bħala reċidiv, jibqa' jiġi kkunsidrat bħala *first-time offender!*

Il-Ħames Imputazzjoni: Ksur ta' Ordni ta' *Probation*

Is-sentenza msemmija datata il-5 ta' Mejju, 2018, poġġiet lill-imputat, li tiegħu hemm elenkati l-konnottati, taħt ordni ta' *probation* ghall-perjodu ta' 18 il-xahar.[96]

---

[92] Tradotta ghal Malti a fol.331-332
[93] **Dok.NS1** a fol.111-112. Kopja oħra mmarkata **Dok.LBEZ** a fol.390-391.
[94] **Dok.CP1** a fol.231
[95] Fol.249-251
[96] **Dok.NS1** a fol.111-112. Kopja oħra mmarkata **Dok.LBEZ** a fol.390-391.

Ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija gew kommessi fit-23 ta' Mejju, 2018, ftit ġranet wara l-għoti ta' dak l-ordni. Għalhekk m'hemmx dubbju li kien għadu fis-seħħ dak l-ordni.

F'dawk il-proceduri l-imputat ġie akkużat talli: "........ *during the month of March 2018, in St Julians, through several acts committed by him, at different times, which constitute violations of the same provision of Law, and were committed in pursuance of the same design had in his possession (otherwise than in the course of transit through Malta of the territorial water thereof) the whole or any portion of the plant Cannabis".*

Mill-atti tal-proċediment **The Police vs Eyob Melake Ecobagaber**[97], jidher li nstabu fuq il-persuna tal-imputat zewg *sachets* tas-sustanza cannabis[98].

Peress li jidher li l-piż ta' zewg *sachets* ta' droga cannabis ma jaqbiżx l-ammont ta' 7 grammi, magħdud mal-fatt li llum, ai termini tal-artikolu 4A tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-pussess ghall-użu personali ta' ammonti ta'droga cannabis taħt is 7 grammi, ma baqax reat, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti mhux ser titratta mal-imputat.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset in-natura serjissima tar-reati li dwarhom instabet ħtija, il-fedina penali tal-imputat li turi li din mhux l-ewwel darba li xellef diffrejh mal-ġustizzja, kif ukoll il-fatt li tul l-proċeduri l-imputat qatt ma wera xi forma ta' rimors ghall-għemilu.

Ir-reat mwettaq minnu hu tassew wieħed li jqanqal stmerrija w tkexxkix. L-imputat wera li dak li ma kienx kapaċi jakkwista bis-sewwa, ħadu bid-dnewwa. Att kodard u viljakk li juri fejn bniedem kapaċi jasal. Wera li hu persuna li jagħmel l-arja ma min hu dgħajjef. Ma sab l-ebda inibizzjoni li żammitu lura milli jwettaq att ta' vjolenza daqshekk kiefer. Att li potenzjalment iħalli l-vittmi tiegħu sfreġjati għal għomorhom, ċiniċi w suspettużi mill-intenzjonijiet l-iktar nobbli ta' persuni oħra, fejn jitilfu kull fiduċja fil-ħajja, li issa jħarsu lejha b'lenti differenti, lenti ta' min safa' vittma intortament tal-inumanita' ta' bniedem, tal-istint bestjali li baqa' innemnem fih.

Fil-fatt fil-ġurisprudenza nostrana hemm numru ta' sentenzi li fihom intwera biċ-ċar li fejn ikun hemm reati ta' vjolenza, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija effettiva. *Multo magis* fil-każ ta' stupru fejn il-vjolenza hi dik

[97] Drogi Numru 88/18
[98] Fol.13 u 16 fejn jammetti li kienu *"weed"*

estrema li tinfed u tkisser f'elf biċċa dak li l-iktar il-persuna tgħożż, l-intimita` ta' persunta w d-dinjita` umana tagħha.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kkunsidrat: [99]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[100]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ......
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[101]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; .....

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi ttenni fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[102]

> Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

---

[99] Per Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008
[100] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.
[101] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.
[102] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007. Appell Nru. 268/2007

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Minn naħa tagħha l-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq Ġuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace** qalet:[103]

> Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[104]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont talimpatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

L-istupru hu preċiżament delitt li jqanqal stmerrija, rabja w għajb fis-soċjetà għaliex persuna ma tisraqx sempliċiment oġġett. Vittma ta' stupru jittieħdilha bi ħruxija is-sens ta' sigurtà li kienet tgħożż, is-serenita' fiżika w psikoloġika tagħha, il-modesta tagħha; dak kollu li qabel kien janimaha. L-għemil daqshekk brutali w xprunat minn istint animalesk jiżra fil-vittma ż-żerriegħa tal-indifferenza, il-qerda tat-tamiet w it-tifrik tal-aspirazzjonijiet.

Persuna stuprata hi persuna sfreġjata għal għomor, u l-Qorti hi fid-dover li tassigura li reati ta' din ix-xorta jiġu kkundannati bis-severita` mistħoqqa.

[103] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża fil-25 ta' Jannar, 2006; Att t' Akkuża Nru. 27/2003

[104] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiza fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

**Decide**

Għal dawn il-motivi filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva u fir-rigward tal-ħames imputazzjoni mhux qed titratta mal-imputat, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(c), 198, 202, 206, 221 tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati tar-reati l-oħra kollha w tikkundannah għal **disa' (9) snin priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€3,903.47** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna li ġaladarba dan il-każ ikun sar *res judicata*, jigu konfiskati l-oġġetti kollha esibiti.

Finalment tordna divjet ta' l-isem tal-vittma minn fuq il-mezzi kollha tax-xandir u minn pubblikazzjoni fuq il-*media*.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**